MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2273/1999/1

**Peter Paul Galea**

**vs**

**Mario Farrugia u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 2001, il-kumpanija General Insurance Agency Limited dahlet fil-kawza *in statu et terminis***

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-18 ta' Ottubru, 1999, li in forza taghha, wara li ppremetta illi;

Fid-9 ta' April, 1998 waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni EGY-013 f'Rue D'Argens, Msida, kien involut f'incident stradali mal-vettura numru ta'

registrazzjoni KAN-806 misjuqa mill-konvenut u bhala konsegwenza l-vettura ta’ l-attur sofriet danni ingenti;

Ghal dan l-incident kien jahti unikament il-konvenut stess u dana minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tant li accetta responsabbilita’ tal-incident *in kwistjoni*;

Il-konvenut interpellat biex ihallas id-danni kagunati u risultanti mill-imsemmi incident, baqa’ inadempjenti u dana minkejja accettazzjoni ta’ responsabbilita’ ta’ l-istess incident;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex;

1. tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’rizultat ta’ l-istess incident u dana okkorendo b’opera ta’ periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Novembru, 1998 u dik ipprezentata kontestwalment ma’ din il-kawza lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li l-konvenut Mario Farrugia, ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u b’hekk baqa’ kontumaci;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Gunju, 2001, li in forza tieghu awtorizzat lis-socjeta’ *General Insurance Agency Limited* tintervjeni *in statu et terminis*;

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Frar, 2002, li in forza tieghu laqghet it-talba tal-kumpanija intervenuta fil-

kawza biex tressaq nota tal-eccezzjonijiet ghall-azzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' *General Insurance Agency Limited* li in forza taghha eccepiet illi;

1. Il-konvenut kien assikurat b'polza *comprehensive* mas-socjeta' assikuratrici, intervenuta fil-kawza u illi l-istess socjeta' ammettiet ir-responsabilita' tal-assikurat taghha ghall-incident u hallset ghal hsarat kollha fil-vettura tal-attur hlief ghal dawk ta' *loss of use* u *depreciation* reklamati mill-istess attur. Ghalhekk it-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' hi superflua u l-ispejjes tal-istess ghandu ibatihom l-attur.

2. L-attur ghandu jedd ghal *loss of use* soffert sakemm dak mitlub hu ragonevoli u ekwu fic-cirkostanzi. L-attur qatt ma ghandu jedd jithallas ghal *loss of use in konsegwenza* ta' cirkostanzi li ghalihom ma jahti bl-ebda mod il-konvenut jew is-socjeta' attrici (*recte*: intervenjenti). Anzi ghandu id-dover li sa fejn hu possibbli jimminimizza dawn id-danni. Jigi rilevat illi *in linea di massima* l-assikurazzjoni hi biss obbligata li thallas sa Lm250 ghal *loss of use* u dan *in konsegwenza* tal-ftehim fil-polza ta' assikurazzjoni bejnha u l-istess konvenut.

3. Kwalunkwe somma mitluba mill-attur bhala *depreciation* fil-vettura ghandha tigi michuda peress illi t-tiswijiet saru fejn ried l-istess attur, *cioe'* ghand id-ditta li minghandha l-attur xtara l-vettura u illi intuzaw *parts* godda tal-istess ditta manufattrici b'mod illi l-vettura ma tilfet ebda valur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Novembru, 2002, li in forza tieghu gie mahtur bhala perit tekniku Joseph Buttigieg sabiex jezamina l-vettura tal-attur, u jirrelata dwar jekk il-vettura sofriet *"depreciation"* wara l-incident u t-tiswijiet li sarulha u, f'kaz affermattiv, jaghmel stima ta' l-istess *"depreciation"*;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Joseph Buttigieg minnu pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2004, u mahluf fl-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2004.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Marzu, 2004, li in forza tieghu din il-Qorti imponiet fuq l-attur terminu perentorju ta' xahar zmien biex jesebixxi l-kopja ta' l-*income tax returns* tieghu, u f'kaz li dawn id-dokumenti ma jigux esebiti fit-terminu ndikat, il-Qorti iddrekat li ma tiehux konjizzjoni tat-talba tieghu ghall-kumpens ta' *"loss of use"*;

Rat li, fil-fatt, l-attur naqas li jipprezenta l-*income tax returns* tieghu kif ordnat il-Qorti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident automobilistiku li sehh f'*Rue d'Argens*, Msisa, fid-9 ta' April, 1998. L-attur kien qed isuq vettura EGY-013, waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru KAN-806. Il-konvenut kien assikurat mal-kumpanija intervenuta li, wara li ezaminat ic-cirkustanzi li waslu ghall-incident, ammettiet ir-responsabilita' ghall-incident ghan-nom tal-konvenut. Il-kumpanija intervenuta, ghalhekk, halset ghad-danni kollha li garbet il-karozza ta' l-attur, u *oltre* li pprovediet ghat-tiswijiet mehtiega, hallset ukoll ghal *"loss of use"* normali ghaz-zmien li l-karozza damet biex tissewwa. L-attur, *pero'*, insista wkoll ghall-kumpens ghad-*"depreciation"* li sofriet il-vettura tieghu minhabba l-incident u t-tiswijiet, u anke ghall-kumpens ulterjuri rizultanti mill-fatt ta' telf ta' negozju. L-attur ghandu negozju ta' *garage hire*, u l-

karozza *in kwistjoni* kienet tintuza ghall-kiri *chauffeur driven*, u peress li l-karozza damet 124 jum biex tissewwa, hu tilef negozju peress li ma kellux dik il-karozza disponibbli ghall-klijenti. L-attur jghid ukoll li hu kien xtara l-karozza b'sussidju, u peress li kellu jbieghha qabel gheluq 10 snin mid-data tas-sussidju, kellu jirrifondi lill-awtoritajiet s-sussidju li kien jammonta ghal-Lm1,100.

Ghar-rigward ta' kumpens minhabba *depreciation*, din il-Qorti taqbel, fil-principju, li persuna responsabbli ghal incident li fih vettura tiggarab danni ingenti ghandha taghmel tajjeb mhux biss ghat-tiswijiet li jehtigilha l-vettura, izda wkoll ghat-tnaqqis fil-valur tal-karozza. Karozza li tigi msewwija, anke jekk tigi msewwija professjonalment u bid-debita attenzjoni, titlef zgur mil-valur taghha, u l-persuna li tkun responsabbli ghal-hsara ghandha taghmel tajjeb ghat-tnaqqis fil-valur tal-karozza li rrizulta konsegwenza tal-incident.

F'dan il-kaz, l-attur jippretendi kumpens ta' Lm4,000 ghad-*depreciation*. Hu ghamel dan il-kalkolu wara li qies li kien xtara l-karozza gdida f'Mejju tal-1997 bi prezz ta' Lm12,350. L-incident sehh sena wara meta, skond hu, karozza ta' l-istess ghamla, sena ta' manufattura u bl-istess numru ta' mili, kienet valutata Lm9,000. Minhabba l-incident, jghid li kellu jbiegh il-karozza, izda ma sabx prezz ahjar minn Lm5,000 *kwindi* kkalkula li tilef Lm4,000 mal-bejgh tal-karozza.

Din il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok, l-attur ma kienx obbligat ibiegh il-karozza, u lanqas ma wera b'mod konkluzziv li ma rnexxielux isib prezz ahjar ghaliha. L-attur jghid li wara li l-vettura giet imsewwija, din xorta wahda ma gietx tajba, u kien ghalhekk li iddecieda li jehles minnha. Kieku kien hekk, l-attur kellu jfittex lill-min sewwielu l-karozza u jinsisti li jkollu tiswija tajba; il-Qorti, tkun allura f'pozizzjoni tezamina l-vettura u t-tiswijiet li jkunu saru fuqha, u f'kaz li jirrizultalha li, fil-fatt, it-tiswija ma saretx skond l-arti u s-sengha, tkun tista' taghti l-provvediment opportun. L-attur, *pero'*, ma mexxiex hekk: deherlu li l-karozza ma kienetx imsewwija tajba, u qabad u bieghha bil-prezz li sab, u issa jippretendi li l-Qorti taghtih

ragun, meta l-Qorti ma inghatalhiex opportunita' tezamina t-tiswijiet li saru u jekk l-ilment tal-attur fir-rigward kienx gustifikat jew le.  Fuq kollox, it-tiswija saret ghand persuna li fuqha qabel l-attur u sar qbil ukoll li l-*"parts"* li jinbidlu jkunu originali, kif fil-fatt sar; fin-nuqqas ta' prova teknika li turi mod iehor, il-Qorti, ghalhekk, tqies li t-tiswijiet saru professjonalment u skond l-arti u s-sengha.  Din il-konkluzzjoni l-Qorti waslet ghaliha wara li qieset ukoll li l-attur, wara li tlesta x-xoghol ta' tiswija fuq il-vettura, ma talabx li l-vettura tigi spezjonata minn *surveyor* jew minn persuna kompetenti ohra: hu qabad u iddispona mill-vettura ghax deherlu li t-tiswijiet ma kienux accettabbli. Dan mhux agir li jimmerita konfort minn dawn il-Qrati.

Il-perit tekniku, wara li qies dawn ic-cirkustanzi, u wara li qies id-*depreciation* normali ta' kull vettura fit-triq u d-*depreciation* rizultat tat-tiswijiet, ikkonkluda (skond kif interpretat r-rapport tieghu l-Qorti), li fid-data tal-incident, il-karozza kienet tiswa Lm11,733, (*depreciation* ta' 5%) u b'rizultat tat-tiswijiet, tilfet 10% ohra fuq dan il-valur, b'mod li l-valur tal-karozza nizel ghal-Lm10,560.  B'hekk, id-*depreciation* li sofriet il-karozza <u>b'rizultat tal-incident</u> kien ta' Lm1,173.

Ghar-rigward ta' kumpens minhabba telf ta' negozju, din il-Qorti tqies li l-attur ma ressaq ebda prova konvincenti *in sostenn* tat-tezi tieghu.  Din il-Qorti kienet wissiet lill-attur li jekk ma jesebilhiex l-*income tax returns* ghas-snin rilevanti, din it-talba tieghu ma kienetx se tigi kkunsidrata. Fil-fatt, l-attur mhux biss ma ipprezentax dawn id-dokumenti, izda lanqas ma ipprezenta xi forma ta' *audited accounts* biex jipprova jsostni l-argumenti tieghu.  *Kwindi,* l-Qorti tichad il-pretensjoni tal-attur taht dan il-kap.

Ghar-rigward tat-talba tieghu ghar-rimbors tas-sussidju li kellu jirrifondi lura lill-awtoritajiet wara li biegh il-karozza qabel ma skadew 10 snin mid-data tax-xiri taghha, din il-Qorti gia' osservat li l-attur ma ppruvax li hu kellu bilfors jiddisponi mill-vettura wara l-incident.  Il-perit tekniku esprima l-opinjoni li mehud kont ta' fejn u kif saru t-tiswijiet, ir-rizultat kellu jkun *"accettabli u professjonali"*; ma setax jigi konstatat mod iehor peress li l-attur biegh il-

karozza minghajr ma’ talab li din tkun spezjonata mill-gdid. *Kwindi*, anke din il-pretensjoni tal-attur ghandha tigi skartata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ *in parte* t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas biss is-somma ta’ Lm1,173 (elf, mija u tlieta u sebghin liri Maltin) *in linea* ta’ danni ulterjuri li sofra l-attur b’rizultat tal-incident *in kwistjoni*, u dana bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, inkluzi dawk tal-kumpanija intervenuta, jithallsu kwantu ghal-erba’ partijiet minn hamsa (4/5*ths*) mill-attur, u parti wahda minn hamsa (1/5*th*) mis-socjeta’ intervenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------